MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 72/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**
**Vs**
**George Camilleri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant George Camilleri, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 634562M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli ghan-nom u in rapprezentanza tas-shubija SLG Communications u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att XXIII ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fil-11 ta' Mejju, 2011, f' dawn il-gzejjer, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f' ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens imhallas, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax –il Skeda l-imsemmija

Skeda li tinsab ma' l-Att u l-artikolu 1, 77 (a) u (e) u 82 ta' l-imsemmi Att.
F' kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex timponi multa li tammonta daqs ghaxar darbet it-taxxa perikolata, liema taxxa tammonta ghal €194.07c u dan skond artikolu 77 ta' l-Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(a), 82 u l-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' sebgha mitt Euro (€700) u multa addizzjonali ta' elf disgha mija u erbghin Euro u sebghin centezmu (€1,940.70) rapprezentanti ghaxar darbiet it-taxxa perikolata.

Rat ir-rikors tal-appellant George Camilleri minnu pprezentat fl-14 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabithu hati ta' l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tikkonferma s-sentenza appellate, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

1. Illi l-Ewwel qorti ma tatx kaz li din kienet kwisjtoni li spiccat il-Qorti [Cit. 375/09 RFA] fejn l-appellant dam snin sakemm thallas u meta rebah il-kawza kellu jintavola mandate ta' sekwestru fejn hemm ukoll stenna madwar sena sakemm innotifika lil min ihaddem lil Mario Grima biex jadixxi l-flus il-Qorti. Kien propju meta thallas l-appellant li ra l-karti kollha tieghu u ta' ricevuta fiskali fil-perjodu successiv tad-denunzja izda qabel ma nbdew xi

proceduri kif gie konfermat mill-ufficjal tal-VAT Joseph Dimech;
2. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoili mill-insenjament ta’ Cesare Beccaria:

*“… che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibile, ne di disfare u delitto gia commesso…”*

L-appellant jixtieq bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa Direttur tas-socjeta SLG Communications Limited, liema kumpanija nstalla sistema tas-sigurta’ lil certu Mario Grima. Irrizulta illi kien hemm dizgwit bejniethom dwar il-kwalita’ tas-servizz u l-appellant kellu jintavola proceduri Civili biex jotjeni l-hlas dovut lilu. Dawn il-proceduri kellhom ezitu favorevoli ghall-appellant. Irrizulta pero illi Mario Grima kien hallas lill-appellant ghalmenu 4 pagamenti permezz ta’ cekkijiet, wiehed tat-13 ta’ Marzu ta’ l-2008 ghall-ammont ta’ €1,571.88, iehor fit-18 ta’ Lulju ta’ l-2008 ghal €850, 3 ta’ Settembru ta’ l-2008 ghall-ammont ta’ €850 u fis-17 ta’ Mejju ta’ l-2011 ghall-ammont ta’ €1,272.20. L-appellant hareg ircevuta fiskali xahrejn wara, fis-17 t’Awwissu ta’ l-2011, wara li gie mitkellem mir-rapprezentanti tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Joseph Dimech, in rapprezentanza tal-Kummissarju, xhed illi huwa kien ircieva rapport minghand Mario Grima fis-17 ta’ Gunju ta’ l-2011, fejn gie moghti informazzjoni u kopji ta’ cekkijiet illi jidhru li gew imhallsa u imsarfa mill-appellant George Camilleri. Grima allega illi George Camilleri qatt ma hareg ircevuta fiskali. Joseph Dimech jghid illi meta kellem lil Camilleri, ammetta mieghu li kien hadem ghal Mario Grima u li rcieva xi hlasijiet pero qal li ried johrog ircevuta wahda fl-ahhar meta jircievi l-hlas tax-xoghlijiet kollha li huwa ghamel.

L-appellant xhed quddiem din il-Qorti u kkonferma illi Mario Grima kien avvicinah sabiex jinstalla' s-sistema tas-sigurta'. Ix-xoghol baqa' sejjer xi 3 snin u meta wasal fil-qirb, kien jaghtih pagamenti akkont, pero ma hallasx kollox u kellhom jispiccaw il-Qorti u l-Qorti tatu ragun. Meta rcieva l-ahhar pagament, hareg ircevuta fiskali.

L-appellant argumenta illi Mario Grima ried ipattijielu ghal fatt illi dahhlu l-Qorti. Veru illi forsi l-appellant ma osservax il-Ligi, pero ma ghamel l-ebda gwadann b'li ghamel u lanqas ma evada t-taxxa ghaliex fl-ahhar mill-ahhar ircevuta fiskali harget. Veru illi harget xahrejn wara izda dan mhux xi terminu twil. L-ewwel Qorti ma haditx dan inkonsiderazzjoni u sta ghal fatt li l-ispirtu tal-Ligi gie osservat.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. L-appellant ghamel hazin meta ma harigx ircevuti fiskali kull meta kien jircievi pagament, kif kien tenut bil-Ligi li jaghmel. L-ewwel pagament ircevieh f'Marzu ta' l-2008 u l-ircevuta fiskali harget f'Awwissu ta' l-2011. Quindi, ghal dan iz-zmien kollu, l-erarju kien imcahhad mill-fondi li kienu legalment dovuti lilu. L-appellant ma kienx gustifikat meta jghid li ried jistenna sakemm jithallas kollox biex imbghad johrog ircevuta wahda. Dan huwa ovvjament bi ksur ta' dak li titlob il-Ligi u t-taxxa giet perikolata u l-ewwel Qorti ghamlet sew issa, fejn sabet il-htija. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li din is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------